MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 427/2005

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Angelo (ID 833246M) u Mary (ID 503648M) konjugi Abela**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm490.08 (erba` mija u disghin Lira Maltin u tmien centezmi) dovuti ghal servizzi telefonici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu li s-socjeta` attrici s-somma ta' Lm490.08 (erba` mija u disghin lira Maltin u tmien centezmi) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21451739, 21450086, u 21456117 illi interpellati

diversi drabi sabiex jaghddu ghal-hlas il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta fejn inghad:
L-ammont pretiz m’huwiex dovut mill-konvenuti fl-interezza tieghu ghaliex bosta mil-linji li saret referenza ghalihom fit-talba attrici kienu jappartejnu u jintuzaw mis-socjeta` “Camela Contractors Ltd” li taghha l-konvenut Angelo Abela kien wiehed mill-azzjonisti u mid-diretturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici qed tirreklama s-somma mitluba ta’ erbgha mija u disghin lira Maltin u tmien centezmi (Lm490.08) ghal servizzi prestati lil Angelo Abela. Il-konvenuti da parti taghhom tramite Angelo Abela ma hux kontestat l-istess ammont, imma qed jghidu huma li ma kienux tieghu personalment imma fuq socjeta b’isem ta’ Camela Contractors Limited li sussegwentement giet likwidata u ghalhekk ma ghandhux x’ jirrispondi ghal-istess ammont. Prova ta dan ma ngabet bl-ebda mod u manjiera u lanqas ma gew prezentati l-kontijiet ta’ l-istess kumpanija sabiex jigu ndikati li tali servizzi kienu qed jinghataw lilha u ghalhekk kienet riedet thallashom hi u allura kienet tkun responsabbli ghalihom hi. Meta xehed l-istess konvenut fis-seduta tal-12 ta’ Lulju 2005, huwa kien ametta li kien applika ghal-istess telephone, ghamel il-kuntratti hu pero’ ma ndikax lil Maltacom illi dawn kienu ser jintuzaw mill-kumpanija, di fatti telephone minnhom imur id-dar u tnejn minnhom kienu fuq l-ufficju tal-kumpanija. L-iskop, anzi l-hsieb dwar din il-manuvra kienet illi biex jifrankaw ir-rati kummercjali u biex ihalsu biss ammonti residenzjali. Id-dokumenti esebiti kollha jindikaw illi t-talba saret minghand John Abela personali u qatt f’isem din il-kumpanija.

Il-kuntratti wkoll hemm esebiti a Fol 22 sa Fol 27 tal-process kollha jindikaw li qed issir talba minghand John Abela biex tasal il-linja telefonika bi skop residenzjali. Mhux l-ecitu li l-istess konvenut f'dan l-istadju u f'dawn il-proceduri li l-manuvra kummercjali da parti ta' l-ex partner tieghu sabiex jifrankaw il-flus kien aplika kollox f'ismu. Hu John Abela li ghandhu jirrispondi. Huwa fl-interess tieghu jekk irid illi jdur fuq l-ex partner tieghu biex jigu akkordati dawn il-proceduri sabiex jirrinbursah sehemu peress illi llum il-gurnata l-kumpanija hija likwidata ghal falliet.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihalsu lil Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett elef erbgha mija u disghin lira Maltin u tmien centezmi (LM3490.08), bl-ispejjes kif mitluba, salv sic et quatenus u drittijiet tal-konvenuti li jipprocedu kontra din il-kumpanija sic et quatenus u jew Remigio Attard.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------